# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Erbgħin (49)**

**10 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Victor John Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku awgura lill-Viċi Sindku Aaron Agius fl-okkażjoni tat-twelid tat-tielet wild tiegħu.

Is-Sindku wassal ukoll il-kondoljanzi lill-*Assistant Principal* tal-Kunsill, is-Sinjura Josephine Sultana, fit-telfa tal-għażiża ommha Fortunata Sultana li ġrat nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2022.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

49.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Victor John Curmi li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol.

49.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**49.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-5 ta' April**

49.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 47 li saret nhar it-Tlieta 5 ta' April 2022.

**49.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza**

49.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 48 li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2022.

**49.4** **Approvazzjoni tal-*audited financial statements* tal-Kunsill għas-sena 2021**

49.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li sal-ħin ta' din il-laqgħa, l-awdituri kienu għadhom ma bagħtux l-*audited financial statements* għas-sena 2021 biex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

49.4.2 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha terġa' titressaq fil-laqgħa li jmiss.

**49.5** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

49.5.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jinsab miexi b'ritmu tajjeb ħafna u mistenni jiġi konkluż sal-aħħar ta' din il-ġimgħa.

Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Perit tal-kuntrattur responsabbli minn dan ix-xogħol qegħdin jiffinalizzaw l-aħħar materji b'mod partikolari l-għeluq tat-tappiera tad-drenaġġ li hemm fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u Triq Masri.

49.5.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza tal-Erbgħa 27 ta' April 2022, it-*tender* tal-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid fil-lokalita' tagħna ġie kanċellat minħabba diversi żbalji tekniċi li kien fih.

Is-Sindku qal li l-Perit Edward Scerri qed jaħdem fuq dokument ġdid li għandu jkun f'idejna matul din il-ġimgħa sabiex jitressaq għall-approvazzjoni tal-*Procurement Unit* tal-Ministeru għal Għawdex u tad-Dipartiment tal-Kuntratti qabel ma jiġi ippubblikat.

49.5.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettat li tiffinanzja x-xogħol relatat mal-manutenzjoni u rikostruzzjoni ta' partijiet minn Triq il-Marġa. Dan wara talba li saret mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku qal li għadna qed nistennew l-awtorizazzjoni min-naħa ta' Transport Malta fuq rakkomandazzjoni tal-Inġinier Charles Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku qal li jinsab infurmat li l-Korporazzjoni qed taħdem biex tippubblika s-sejħa għall-offerti mill-aktar fis possibbli.

49.5.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wara applikazzjoni għall-fondi li saret min-naħa tal-Kunsill mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, id-Dipartiment alloka s-somma ta' € 26,000 sabiex tiġi użata f'xogħol ta' rinnovazzjoni fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li l-Perita Mariella Xuereb ħadmet fuq id-dokument tat-*tender*, liema dokument diġa' għadda għand il-Kunsilliera kollha sabiex ikunu jistgħu jarawh privatament u jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandna nistennew sal-laqgha li jmiss sakemm il-Kunsilliera jaraw sewwa d-dokument u jressqu s-suġġerimenti u/jew il-proposti tagħhom rigward dan ix-xogħol qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard fakkar li, skont it-termini iffirmati mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ix-xogħlijiet għandhom ikunu konklużi sa mhux aktar tard mis-26 ta' Awwissu li ġej.

49.5.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, sad-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet ta' offerti pubbliċi għax-xiri ta' trakk għall-użu tal-Kunsill, kien hemm offerta waħda li ġiet sottomessa.

Is-Sindku qal li l-bord ta' evalwazzjoni sab li din l-offerta ma kinitx *technically compliant* u għaldaqstant qed jirrakkomanda li s-sejħa għall-offerta titwaqqa' u terġa' tiġi ippubblikata mill-ġdid.

Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni u ser nipproċedu kif indikat.

49.5.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi jinsab għaddej bix-xogħol tat-taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-Vitorja Dan ix-xogħol ser iwassal sabiex il-pjanti tal-Pjazza jibdew jissaqqew b'sistema ta' irrigazzjoni b'mod awtomatiku.

F'każ li ma jinstabx l-ilma meħtieġ, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jissuġġerixxi numru ta' proposti alternattivi sabiex tkun tista' ssir is-sistema tal-irrigazzjoni tant meħtieġa biex ikunu jistgħu jissaqqew il-pjanti tal-Pjazza.

49.5.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni ta' attivita' tal-Karnival nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju 2022.

Is-Sindku qal li l-attivita' ser tibda fil-11.00am b'marċi tal-Karnival mill-Banda *Victory* u tkun segwita minn programm varjat fi Pjazza l-Vitorja minn nofsinhar 'il quddiem li jkun jinklużi żfin minn kumpaniji lokali taż-żfin, karrijiet trijonfali u ż-żifna tradizzjonali tal-Kumittiva li oriġinat fir-raħal tagħna. Ser jippreżenta Ronald Briffa.

49.5.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bdejna l-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser isir fi Pjazza l-Vitorja nhar is-Sibt 9 ta' Lulju 2022.

Is-Sindku irringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex li qiegħed ġentilment joffri s-somma ta' € 5,000 bħala għajnuna finanzjarja biex ikun jista' jiġi organizzat dan il-festival wara assenza ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa' saru l-istediniet lid-delegazzjonijiet barranin li ser jattendu għal dan il-festival u qed nistennew il-konferma tagħhom sabiex inkunu nistgħu nikkonfermaw il-*booking* proviżorju ta' kmamar li għamilna mal-lukanda *Cornucopia*.

Is-Sindku qal li rċivejna tliet kwotazzjonijiet għal servizz mużikali waqt il-festival. Dawn huma: George Curmi (il-Pusé) € 1700, *D Capitals* € 2400 u *Brass Tubes* € 1800, kollha bil-VAT inkluża. Peress li l-kwotazzjoni tas-

Sur George Curmi (il-Pusé) kienet l-irħas waħda, il-Kunsill qabel li għandna nimxu bl-irħas offerta.

Fir-rigward ta' kumpaniji lokali li jixtiequ jesebixxu l-prodotti tagħhom waqt dan il-festival, is-Sindku qal li l-*Assistant Principal* Josephine Sultana u l-iskrivana Cheryl Bajada qed jaħdmu fuq il-lista sabiex tiġi konkluża sal-laqgħa li jmiss.

49.5.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit semma li hemm diversi anzjani Xaghrin li qeghdin jitolbu lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex ic-Centru ta' Matul il-Jum ghall-anzjani jerga' jinfetah kif kien isir qabel il-bidu tal-pandemija.

Is-Sindku innota li diversi restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-Covid-19 ġew rilaxxati b'effett mit-Tnejn 2 ta' Mejju 2022 u għaldaqstant iħoss li wasal iż-żmien li ċ-Ċentru jerġa' jinfetaħ b'mod normali kif kien isir qabel Marzu 2020.

Wara diskussjonijiet, il-Kunsill iddeċieda li ċ-Ċentru għandu jerġa' jibda jinfetaħ b'mod normali minn nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju 2022 bil-programm ta' attivitajiet li jkun jinkludi Quddiesa u attivita' soċjali dritt wara.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nistaqsu lill-Vigarju Parrokkjali Fr. Michael Mifsud dwar il-possibilita' li hu jibda jieħu ħsieb iqaddes il-Quddiesa li ssir qabel l-attivita'. Ġie deċiż ukoll li jsir avviż fil-Bullettin tal-Parroċċa.

49.5.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ġie nfurmat b'*masterplan* dwar il-bajja tar-Ramla l-Ħamra li qed titnieda mill-Ministeru għal Għawdex u li diġa' tressqet għall-approvazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li l-Kunsill Lokali tax-Xagħra għandu jiġi konsultat minħabba li huwa *stakeholder* prinċipali f'din il-materja. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħmlu talba formali lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill ikun inkluż fid-diskussjoni li qed issir dwar dan is-suġġett.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona wkoll li ghandna niktbu lill-Awtorita' Maltija ghar-Rizorsi flimkien mal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu (MTA) sabiex dawn l-Awtoritajiet jaghmlu s-*sand sifting* tal-bajja tar-Ramla l-Hamra bhala parti minn progett pilota li ser isir f'Mejju/Gunju ta' din is-sena.

49.5.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand ix-*Xagħra Historical Re-enactment Organisation* rigward l-organizazzjoni tal-attivitajiet *Xagħra Tale* fi Pjazza l-Vitorja matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2022.

Is-Sindku qal li jinsab infurmat li d-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex qed jaħdem fuq programm ta' ljieli sajfin fi Pjazza l-Vitorja matul ix-xhur tas-Sajf bil-parteċipazzjoni ta' diversi *bands* lokali.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius qal li hu assolutament ma jaqbilx li l-Pjazza tingħalaq għal aktar minn ġurnata waħda fis-Sajf u dan minħabba diversi ilmenti li rċieva mir-residenti rigward problema ta' konġestjoni tat-traffiku.

In viżta tal-fatt li matul dawn l-aħħar sentejn ġew implimentati numru ta' *one-ways* fil-qalba tar-raħal u minħabba li mhux vijabbli li l-Pjazza tingħalaq darbtejn fil-ġimgħa matul ix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill qabel unanimament li għandna niftehmu mal-*XHRO* u mad-Direttorat tal-Kultura sabiex dawn l-attivitajiet jiġu amalgamati f'ġurnata waħda, possibiliment nhar ta' Erbgħa.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

49.4.1 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar Kunċert mużikali li ser isir fi Pjazza l-Vitorja nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2022 fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u biex titfakkar il-memorja taż-żagħżugħ Xagħri, Geordie Muscat, li ħalliena fis-7 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku wieġeb li dwar dan il-Kunċert għandna ma ġejniex infurmati b'mod uffiċjali u għaldaqstant qed nistennew komunikazzjoni formali qabel ma nieħdu deċiżjoni dwar l-involviment tagħna fih.

| | |
|---|---|
| **49.5** | **Qari tal-Korrispondenza** |
| 49.5.1 | Ċirkulari numru 034/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Training Session – Diversity & Local Council Performance 19/04/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut. |
| 49.7.2 | Ċirkulari numru 035/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Training Session – Personal Development in Public Speaking 10/05/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut. |
| 49.7.3 | Ċirkulari numru 036/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Training Session – Personal Development in Speechwriting 17/05/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut. |
| 49.7.4 | E-mail mingħand il-Kumitat tal-Ġemellaġġi ta' Chevaigné fi Franza li fiha qed jistiednu delegazzjoni mill-Kunsill (ta' mhux aktar minn erbatax-il persuna) sabiex jattendu għall-festival kulturali li ser jiġi organizzat fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru 2022.<br><br>Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni ta' din id-delegazzjoni għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss. |
| 49.7.5 | E-mail mingħand il-*Community Workers Foundation* li fiha qed jitolbu lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jissottometti *performance appraisal* għal kull ħaddiema tal-istess Fondazzjoni li huwa assenjat mal-Kunsill għall-perijodu bejn Jannar u Marzu 2022. Il-Kunsill qabel li deċiżjoni dwar din il-materja għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss. |
| 49.7.6 | Ċirkulari numru 038/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Workshop – Green Public Procurement 04/05/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut. |
| 49.7.7 | Ċirkulari numru 039/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'ECAD Membership'. Il-Kunsill innota l-kontenut. |

49.7.8 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tinforma lill-Kunsilliera li l-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni għal din is-sena ser issir nhar il-Ġimgħa 17 u s-Sibt 18 ta' Ġunju li ġej. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.9 Ċirkulari numru 040/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Project Development and Writing Training (EU Funds)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.10 E-mail mingħand is-Sur Carmel Zammit, President tal-Fondazzjoni JP2, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Kunċert mużikali li sar nhar il-Ġimgħa 22 ta' April fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Il-Fondazzjoni qed titlob is-somma ta' € 90 biex tkopri l-ispiża ta' tliet *banners* li saru għal din l-okkażjoni. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

49.7.11 E-mail mid-Direttorat ta' Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-Ministeru ser jikkollabora mal-Kunsill fl-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Għawdxi bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 5,000. Dan il-festival ser isir nhar is-Sibt 9 ta' Lulju fi Pjazza l-Vitorja. Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex għal din l-għotja.

49.7.12 Ċirkulari numru SPI/SCI/4/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Korsijiet *Lifelong Learning* 2022/2023 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.13 Ċirkulari numru 041/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Press Call – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nuqqas ta' tqassim ta' boroż b'xejn lir-residenti sabiex jintużaw għas-separazzjoni tal-iskart'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.14 Ċirkulari numru 042/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Assemblea Ġenerali Annwali 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.15 E-mail mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex tattendi għall-

konferenza nazzjonali bit-tema 'Child-friendly Towns and Villages in Malta' li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.16 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, bi stedina għall-konferenza 'Greening the Island' li ser issir nhar il-Ħamis 26 u l-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2022. Għal din il-konferenza ser jattendu s-Sindku Dr. Christian Zammit u l-Kunsillier Anthony Attard għan-nom tal-Kunsill.

49.7.17 E-mail mingħand Marita Muscat li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill sabiex tkun tista' tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja għal xogħol li sar fi Triq Qasam ta' Dun Anton k/ma' Triq Gajdoru skont il-permess b'numru ta' riferenza PA/00479/20. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

49.7.18 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni rigward il-konverżjoni ta' *community clinics* fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.19 E-mail mingħand Josmar Azzopardi, *group scout leader* tax-*Xagħra Scouts Group*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jerġa' jqajjem il-kwistjoni tal-aċċess għall-bajja ta' Għajn Barrani fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mal-avukat Dr. Carmelo Galea LLD rigward din il-materja.

49.7.20 Ċirkulari numru 044/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Free collection of organic waste from commercial establishments'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.21 E-mail mingħand Noel Xerri, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed jistieden lis-Sindku u l-Kunsilliera għall-konferenza bit-tema 'Ix-Xogħol... u l-Addiction?' li ser issir nhar it-18 ta' Mejju 2022 fid-9.00am f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.22 E-mail mingħand Daniel Mangani li fiha qed jagħmel proposta lill-Kunsill Lokali sabiex tiġi organizzata serata mużiko-letterarja fix-Xagħra li matulha jinqraw xi kitbiet minn tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob

lis-Sur Mangani sabiex jipprovdi lista ta' kitbiet li hu għandu sabiex naraw f'liema tip ta' serata jistgħu jiġu inklużi.

49.7.23 Ċirkulari numru 045/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Verifikazzjoni ta' logbooks'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.24 Ċirkulari numru 046/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'L-Onorarja tas-Sindki'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.25 E-mail mingħand Daphne Sant Caruana, kuratriċi ta' *Heritage Malta*, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li *Heritage Malta* ser tipparteċipa fl-inizjattiva Light Up The Night 2022 li ser issir fil-11 u 12 ta' Mejju 2022 biex titqajjem kuxjenza favur il-*fibromyalgia.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.26 E-mail mingħand Doreen Camilleri, uffiċjal fid-Direttorat tal-Anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin b'inizjattiva meħuda mill-Ministeru fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm li saret nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.27 E-mail mingħand Luke Said għan-nom tal-grupp ta' voluntiera li qed jieħdu ħsieb il-*clean up campaigns* fix-Xagħra, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra billi jħallas l-ingwanti u *first aid kit* għall-voluntiera li qed jgħinu f'dawn l-inizjattivi. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius, il-Kunsill qabel li għandna nipprovdu flixkun ilma lill-parteċipanti kollha kull darba li ssir attivita' simili fil-lokalita' tagħna.

49.7.28 Ċirkulari numru 047/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Binjiet mixgħula bl-aħmar – Il-14 ta' Ġunju – Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.29 Ċirkulari numru 048/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Public Speaking and Speechwriting workshop – 19.05.2022 – Salini Hotel'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.30 Ittra mingħand Jesmond Gauci, resident fi Triq it-28 ta' April 1688, b'petizzjoni iffirmata minn diversi residenti oħrajn f'din it-triq li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra jikkunsidra li: (a) Titneħħa l-*one-way* f'din it-triq JEW partijiet minnha ssir *two-way* u partijiet minnha jsiru *one-way* minn Pjazza l-Vitorja lejn Pjazza Sant'Anton; (b) jitneħħa t-*traffic management* eżistenti fi Pjazza Sant'Anton u minflok issir *single roundabout* f'din il-Pjazza u (ċ) jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-parti fejn it-triq tiġi aktar wiesgħa.

Fuq l-*issue* ta' Triq 28 ta' April 1688, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandna niddiskutuha mal-kumpanija EMDP li ghamlet il-*masterplan* tal-lokalita' taghna. Dan sabiex ikollna parir professjonali dwar din il-materja.

49.7.31 Ċirkulari numru 049/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Social Media and Digital Marketing – Malta and Gozo Session'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.32 E-mail mingħand il-Kan. Dun Michael Galea, Rettur tal-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jirranġa bis-siment il-parti ta' quddiem l-imsemmija Knisja peress li tinsab fi stat ħażin ħafna u hemm periklu pubbliku għall-anzjani li jiffrekwentaw din il-Knisja għas-servizzi reliġjużi.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, minn informazzjoni li waslet lilu mill-Ministeru għal Għawdex, jirriżulta li din il-parti ta' quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati hija żona privata u għaldaqstant il-Kunsill mhux awtorizzat li jagħmel ix-xogħol mitlub.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius qal li r-Rettur Dun Michael Galea qal li x-xogħol eżistenti kien sar mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra fil-bidu tas-sena elfejn u għaldaqstant għandu jkun l-istess Kunsill li jirranġa l-ħsara li hemm fil-preżent.

Il-Kunsillier Anthony Attard li kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tax-Xagħra fiż-żmien li sar dan ix-xogħol qal li dan ix-xogħol kien sar sabiex jagħti prominenza lill-Knisja ta' Sant'Anton u jagħtiha valur akbar ghax iz-

zuntier kien sar b'paviment li jixraq lill-Knisja biex jagħtiha aktar dinjita'. Huwa qal li r-Rettur preżenti qatt ma kellu jagħmel talba bħal din għax b'hekk qed juri li qed iċedi għall-pressjoni ta' xi wħud li qed jallegaw li ż-żona hija privata. Il-Kunsillier Attard qal li fl-2017 kien hemm talba quddiem il-Kunsill sabiex il-madum preżenti jinbidel u jsir madum ġdid minfloku pero' baqa' ma sar xejn.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li, mingħajr ma jidħol fil-merti tal-każ, il-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fil-privat u għaldaqstant ir-Rettur Dun Michael Galea għandu jipprovdi dokument uffiċjali mill-Awtorita' tal-Artijiet li juri li l-passaġġ imsemmi huwa passaġġ pubbliku. Jekk jiriżulta hekk, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni neċessarja.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku u ser nerġgħu nitolbu lir-Rettur il-Kan. Dun Michael Galea sabiex jipprovdi dan id-dokument. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma jistax jagħmel ix-xogħol rikjest.

49.7.33 E-mail mingħand Marvic Gauci li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra l-permess sabiex ikun jista' jorganizza attivita' għall-familja kollha fi Ġnien Il-Familja li fiha permezz ta' karattri għat-tfal, logħob u kant tradizzjonali, jingħata tagħlim dwar il-ħarsien tal-ambjent. Dan fid-dawl tal-proġett li għadu kemm tnieda ta' rinnovazzjoni tal-*area* fejn qabel kien hemm il-miżbla tal-Qortin fil-lokalita' tagħna.

Minħabba li Ġnien il-Familja jaqa' direttament taħt ir-responsabbilita' tal-*Wasteserv*, il-Kunsill qabel li għandna nirreferu lis-Sur Gauci għand l-entita' kompetenti.

49.7.34 E-mail mingħand is-Sur Victor Teuma, President tax-*Xagħra Historical Re-enactment Organisation*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-attivita' Xagħra Tale li ser terġa' tittella' din is-sena matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu fi Pjazza l-Vitorja. L-Għaqda qed titlob is-somma ta' € 2500 għal dawn l-attivitajiet.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 2000.

49.7.35 E-mail mingħand Ana Kisling, rappreżentanta tal-kumpanija *Gozo Picnic*, li fiha qed titlob il-permess tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex torganizza *live cooking event* għal grupp ta' tletin persuna fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2022 mill-11.00am sal-5.00pm. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba li mhux permess tisjir fuq il-bajja.

49.7.36 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistaqsi jekk il-Kunsilli Lokali Għawdxin għandhomx xi suġġerimenti u/jew proposti rigward il-ġbir tal-iskart fil-lokalitajiet fil-mument li qed titfassal l-offerta reġjonali għall-ġbir tal-iskart f'Għawdex.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit esprima x-xettiċiżmu tiegħu għas-sistema li ser tiġi adottata fix-xhur li ġejjin rigward il-ġbir tal-iskart f'Malta u Għawdex u qal li din is-sistema ser tagħti lok għal anqas kontroll fuq il-kuntratturi li jieħdu l-offerta reġjonali għall-provvediment ta' dan is-servizz. Huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna ninsistu mar-Reġjun li l-iskart jinġabar fil-ħin li suppost jinġabar, nenfasizzaw il-bżonn li l-ġabra tal-borża s-sewda nhar ta' Sibt is-sena kollha tibqa' fis-seħħ u li ma jingħasarx l-iskart f'żoni residenzjali.

**49.6 Ilmenti mir-residenti**

49.6.1 Talba mingħand Isabella Teuma ta' 'Fasching', Triq Ta' Ġorf, sabiex il-Kunsill jikkunsidra l-proposta li jitpoġġa *bin* f'sit partikolari fix-Xagħra sabiex fih ikunu jistgħu jitpoġġew ħwejjeġ użati. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

49.8.2 Talba mingħand Miguel Tabone ta' Triq John Otto Bayer sabiex titneħħa l-*bus stop* li hemm quddiem ir-residenza tiegħu peress li qed toħloq inkonvenjent kbir. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

49.8.3 Talba mingħand Vincenza Apap ta’ 95B, Axholme, Triq Ta’ Ġorf, sabiex isir *traffic management plan* mill-Kunsill għal din it-triq. Is-Sindku innota li Triq Ta’ Ġorf hija inkluża fil-*masterplan* li saret mill-kumpanija EMDP wara sejħa għall-offerti.

49.8.4 Talba mingħand Jimmy Frendo ta’ ‘Turmalin’, Triq Għajn Qamar, sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta’ manutenzjoni bis-siment fi Triq Ta’ Kaċċaturi. Ir-resident qed jitlob li jingħata l-materjal meħtieġ u x-xogħol ser jagħmlu hu.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima mingħand il-Perit Edward Scerri. Il-Kunsillier Anthony Attard qal li hu ma jaqbilx li x-xogħol isir mir-resident iżda għandu jagħmlu l-Kunsill. Il-Kunsilliera l-oħrajn qablu ma’ dan.

49.8.5 Talba mingħand Julian Mercieca ta’ Triq il-Mitħna sabiex il-Kunsill jagħlaq it-tappiera tad-drenaġġ li hemm fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u Triq Masri minħabba li qed ikun hemm riħa insopportabbli fl-inħawi.

Is-Sindku qal li din it-tappiera għandha tingħalaq bħala parti mill-proġett ta’ rikostruzzjoni tat-tielet parti ta’ Triq Marsalforn. Ser infakkru lill-Periti Edward Scerri u Josmar Cassar rigward din il-materja.

49.8.6 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta’ manutenzjoni ġenerali fil-ġnien pubbliku li jinsab fi Triq John Otto Bayer. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.

49.8.7 Talba mingħand Anthony Bajada ta’ Sqaq fi Triq Ġnien Imrik sabiex il-Kunsill iressaq talba lil Transport Malta għall-installazzjoni ta’ *bus stop* ġdida kif toħroġ mill-isqaq fejn joqgħod hu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta’ Transport Malta.

49.8.8 Talba mill-Kunsillier Victor Curmi sabiex isir xogħol ta’ tindif fil-Wied tar-Ramla u sabiex jerġa’ jinbena l-ħajt matul l-istess wied. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-attenzjoni tad-Direttorat ta’ Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

49.8.9 Talba mill-Kunsillier Victor Curmi sabiex il-Kunsill iressaq talba lill-Ministeru għal Għawdex għat-tindif ta' Triq ix-Xagħra. Dan peress li tħallew ħafna trabijiet meta sar ix-xogħol tal-bini tal-ħajt tas-sejjieħ matul l-istess triq. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-attenzjoni tad-Direttur Joseph Cutajar (Direttur Eko-Għawdex).

49.8.10 Talba mill-Kunsillier Victor Curmi sabiex il-Kunsill jiftiehem max-*Xagħra Historical Re-enactment Organisation* ħalli meta jsiru l-attivitajiet ta' Xagħra Tale bejn Lulju u Settembru, il-Kunsill ikun jista' jorganizza serata ta' talent Xagħri fi Pjazza l-Vitorja wara li tintemm din l-attivita'.

Il-Kunsill innota li din il-materja diġa' ġiet deċiża aktar kmieni. Peress li l-attivitajiet ta' *Xagħra Tale* u l-attivitajiet tal-Ministeru għal Għawdex ser jiġu amalgamati f'ġurnata waħda biex il-Pjazza tingħalaq darba biss fil-ġimgħa, din it-talba ma tistax tiġi aċċettata għal din is-sena pero' tkun ikkunsidrata għas-sena li ġejja.

**49.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

49.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

49.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**49.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

49.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2022 fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**